



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 12.10.2005
KUMM(2005) 487 finali

Proposta ta'

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM)

li jadatta mill-1 ta' Lulju 2005 r-rata tal-kontribuzzjoni ta' l-iskema tal-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u obbjettivi tal-proposta**

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi kull sena, dwar proposta mill-Kummissjoni, dwar l-adattament tar-rata tal-kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjonijiet b'seħħ mill-1 ta' Lulju.

- **Kuntest ġenerali**

B'konformità ma' l-Artikolu 83a(4) tar-Regolamenti ta' l-Istaff, il-Kummissjoni tippreżenta kull sena lill-Kunsill verżjoni aġġornata ta' l-evalwazzjoni attwarja ta' kull ħames snin magħmula b'konformità ma' l-Anness XII tar-Regolamenti ta' l-Istaff.

B'konformità ma' l-Artikolu 13 ta' l-Anness XII tar-Regolamenti ta' l-Istaff, l-Eurostat ippreżenta r-rapport annwali relatat ma' din l-evalwazzjoni li tiddetermina r-rata tal-kontribuzzjoni neċessarja biex ikun żgurat il-bilanċ ta' l-iskema tal-pensjonijiet.

- **Dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-qasam tal-proposta**

Il-proposta hi ppreżentata kull sena biex tadatta r-rata tal-kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjonijiet.

- **Koerenza mal-politiki u l-obbjettivi l-oħra ta' l-Unjoni**

Mhux applikabbli.

2) KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJET INTERESSATI U ANALIŻIJET TA' IMPATT

- **Konsultazzjoni tal-partijiet interessati**

Metodi użati ta' konsultazzjoni, setturi prinċipali mmirati u profil ġenerali ta' dawk li wieġbu

L-elementi tal-proposta kienu diskussi mar-rappreżentanti tal-personell skond il-proċeduri fis-seħħ.

Sinteżi tat-tweġibiet irċevuti u tal-mod kif huma kienu kkunsidrati

Il-proposta tikkunsidra l-opinjoni mogħtija mill-partijiet ikkonsultati.

- **Akkwist u użu ta' kompetenza**

Rikors għal kompetenza esterna ma kienx neċessarju.

- **Analiżi ta' impatt**

- Il-proposta timmira biex tadatta r-rata tal-kontribuzzjoni ta' l-iskema tal-pensjonijiet b'konformità mar-regoli fis-seħħ.

- Ir-regoli fis-seħħ ma jippermettux alternattiva oħra.

3) ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-miżuri proposti**

B'konformità ma' l-Anness XII tar-Regolamenti ta' l-Istaff, l-Eurostat ippreżenta rapport relatat ma' l-evalwazzjoni attwarja ta' l-iskema tal-pensjonijiet. Skond din l-evalwazzjoni r-rata neċessarja tal-kontribuzzjoni biex ikun żgurat il-bilanċ attwarju ta' l-iskema tal-pensjonijiet hi ta' 10.3% tas-salarju bażiku.

B'konformità ma' l-Artikolu 2(1), ta' l-Anness XII, l-adattament ma jistax ikun aktar minn punt ta' perċentwali tar-rata applikabbli fis-sena preċedenti.

Għaldaqstant, b'konformità mal-paragrafu 2 ta' l-istess Artikolu, l-adattament li jidhrol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2005 ma jistax iwassal għal kontribuzzjoni li taqbeż l-10.25%.

Konsegwentement, il-Kummissjoni qed tipproponi li tadatta r-rata tal-kontribuzzjoni għal 10.25% b'seħħ mill-1 ta' Lulju.

- **Bażi legali**

Ir-Regolamenti ta' l-Istaff ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u notevolment l-Artikolu 83a u l-Anness XII tagħhom.

- **Prinċipju ta' sussidjarjetà**

Il-proposta tikkonċerna qasam li jiddependi mill-kompetenza esklużiva tal-Komunità. Għalhekk, il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax.

- **Prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta hi konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

- L-Artikolu 83a tar-Regolamenti ta' l-Istaff jipprevedi regolament tal-Kunsill.

- Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq l-infiq. L-impatt fuq id-dħul jirriżulta direttament mill-applikazzjoni tal-metodu ta' adattament previst fir-Regolamenti ta' l-Istaff.

- **Għażla ta' l-istrumenti**

Strument(i) propost(i): regolament.

Strumenti oħra ma kinux ikunu adegwati għar-raġunijiet li ġejjin.

- L-Artikolu 83a tar-Regolamenti ta' l-Istaff jipprevedi regolament tal-Kunsill.

4) IMPATT BAĠITARJU

L-impatt, fuq id-dħul, ta' l-adattament tar-rata tal-kontribuzzjoni ta' l-iskema tal-pensjonijiet hu ddettaljat fir-rapport finanzjarju li jinstab fl-Anness.

Proposta ta'

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM)

li jadatta mill-1 ta' Lulju 2005 r-rata tal-kontribuzzjoni ta' l-iskema tal-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti ta' l-Istaff ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-iskema applikabbli għall-aġenti l-oħra ta' dawn il-Komunitajiet, iffissati mir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68¹, u notevolment l-Artikolu 83a u l-Anness XII ta' l-imsemmija Regolamenti ta' l-Istaff,

wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

billi:

- (1) B'konformità ma' l-Artikolu 13 ta' l-Anness XII tar-Regolamenti ta' l-Istaff, l-Eurostat ippreżenta, fl-1 ta' Settembru, ir-rapport relatat ma' l-evalwazzjoni attwarja 2005 ta' l-iskema tal-pensjonijiet, li taġġorna l-parametri mmirati f'dan l-Anness. Skond din l-evalwazzjoni r-rata neċessarja tal-kontribuzzjoni biex ikun żgurat il-bilanċ attwarju ta' l-iskema tal-pensjonijiet hi ta' 10.3% tas-salarju bażiku.
- (2) Għaldaqstant, b'konformità ma' l-Artikolu 2(2) ta' l-Anness XII, l-adattament li jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2005 ma jistax iwassal għal kontribuzzjoni li taqbeż l-10.25%.
- (3) Għalhekk hu meħtieġ li jitwettaq adattament neċessarju fir-rata tal-kontribuzzjoni, li jiżgura l-bilanċ attwarju ta' l-iskema tal-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej li ma jaqbiż il-massimu awtorizzat ta' 10.25% tas-salarju bażiku.

¹ ĠU L 56 ta' l-4.3.68, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-... (KE, Euratom) Nru... p...

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Lulju 2005 r-rata tal-kontribuzzjoni mmirata fl-Artikolu 83(2), tar-Regolamenti ta' l-Istaff hi ffissata għal 10.25%.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu *fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament f'kull Stat Membru.

Magħmul fi Brussell, ...

*Mill-Kunsill
Il-President*

**RAPPORT FINANZJARJU LEĠIŻLATTIV GĦALL-PROPOSTI LI GĦANDHOM
IMPATT BAĠITARJU LIMITAT B'MOD ESKLUŻIV GĦAD-DĦUL**

1. L-ISEM TAL-PROPOSTA

Proposta ta' regolament li tadatta, mill-1 ta' Lulju 2005, ir-rata tal-kontribuzzjoni ta' l-iskema tal-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej

2. LINJI BAĠITARJI :

Kapitolu u Artikolu :

400 Taxxa fuq is-salarji ta' l-uffiċjali u l-aġenti l-oħra

410 Kontribuzzjonijiet tal-personell għall-finanzjament ta' l-iskema tal-pensjonijiet

Ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata

466.7 ME

239.8 ME

3. IMPATT FINANZJARJU

Proposta mingħajr impatt finanzjarju

Proposta mingħajr impatt finanzjarju fuq l-infiq iżda b'impatt finanzjarju fuq id-dħul - l-effett hu kif ġej:

(miljuni ta' euros sa l-ewwel deċimali)

Linja baġitarja	Dħul ²	perjodu ta' 12-il xahar mill-01/07/2005	[Sena n=2005]
L-Artikolu 400	<i>Impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	-2.6	-1.3
L-Artikolu 410	<i>Impatt fuq ir-riżorsi proprji</i>	+12.4	+6.2

² F'dak li jikkonċerna ir-riżorsi tradizzjonalment proprji (taxxi fuq l-agrikultura, taxxi fuq iz-zokkor, taxxi doganali), l-ammonti indikati għandhom ikunu ta' l-ammonti netti, jiġifieri ta' l-ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25% għall-ispejjeż tal-ġbir.

Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5]
L-Artikolu 400	-2.6	-2.6	-2.6	-2.6	-2.6
L-Artikolu 410	+12.4	+12.4	+12.4	+12.4	+12.4

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

5. RIMARKI OĦRA

Metodu ta' kalkolu:

Kontribuzzjoni tal-pensjoni = il-kontribuzzjoni l-ġdida - l-implimentazzjoni tas-sena kurrenti.

Kontribuzzjoni l-ġdida = l-implimentazzjoni x ir-rata l-ġdida / ir-rata fis-seħħ

Effett tat-tnaqqis tat-taxxa = 21% taż-żieda fil-kontribuzzjoni tal-pensjoni.